# Triq Santa Marija



**Tony Terribile**

Triq Santa Marija hi triq oħra twila li għandna f'Tas-Sliema. Tibda minn tarf Triq Rodulfu, Triq il-Kbira u Triq Sir Adrian Dingli u tibqa' nieżla dritta u tingħaqad ma' Triq Sant'Agata. Fiha jidħlu numru ta' toroq li huma Triq San Nikola, Triq il-Karmnu, Triq San Trofimu u Triq Manwel Dimech.

Għandha wkoll żewġ sqaqien, Sqaq Muscat li jinsab fil-parti ta' fuq tagħha u l-ieħor (li qatt ma kellu isem) jinsab 'l isfel ma' Triq Sant'Agata. Dan l-isqaq, li wieħed jinżel għalih bi tmien tarġiet, fih numru ta' bibien li kienu jwasslu għal djar kbar li kienu fix-Xatt.

Fi Triq Santa Marija għandna wkoll tliet niċeċ qodma, waħda tal-Madonna tal-Karmnu, li tinsab f'kantuniera u li din hi magħrufa bħala "Ta' Ġiljan" għar-raġuni li għal numru ta' snin kien jieħu ħsiebha Ġiljan Mifsud, li kellu ħanut tax-xorb f'din it-triq. Niċċa oħra tinsab f'kantuniera ma' Triq San Trofimu. F'din naraw statwa sabiħa ta' Santa Marija u għandha l-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Gaetano Pace Forno fis-seklu dsatax, u l-aħħar niċċa hi f'ġieħ San Alwiġi Gonzaga. Din tinsab fuq dar numru 121.






*Triq Santa Marija*



*In-Niċċa ta' San Alwiġi Gonzaga li tinsab fil-faċċata tad-dar fejn twieldet is-Soċjetà tagħna*

F'din it-triq għandna wkoll numru ta' djar bil-parapett għoli quddiemhom. Fil-parti t'isfel, qrib Triq Manwel Dimech baqa' tlieta minnhom. Fl-imgħoddi kien hemm tnejn oħra, iżda t-taparsi żvilupp warrabhom. Fil-parti ta' fuq, f'kantuniera ma' Triq il-Karmnu, hemm erbat idjar li għandhom il-parapett. Taħt l-ewwel wieħed, sa madwar ħamsin sena ilu kien hemm għajn tal-ilma, li kienet taqdi lil għadd ta' nies tal-inħawi. Mal-aħħar parapett naraw bini qadim, magħmul min-numru ta' mezzanini żgħar.




*Id-Dar fi Triq Santa Marija fejn fis-sena 1923 twieldet is-Soċjetà Filarmonika "Sliema"*

L-iżvilupp ta' Triq Santa Marija sar fil-biċċa l-kbira tiegħu lejn nofs is-seklu dsatax. Ħafna mill-bini tela' fuq art propjetà tal-Katidral bejn l-1866 u l-1872. Hekk insibu li fil-21 ta' April 1866 ittieħdet dik il-parti qrib ħafna ta' Triq Manwel Dimech. Ħaduha b'ċens tliet Beltin: Ġużeppi Grima, Ġiaċinto Borg u Saver Micallef.

Ftit wara, jiġifier fl-14 ta' Mejju 1866, Ġużeppi Galea mill-Belt ħa erba' porzjonijiet fil-parti ta' fuq fejn illum insibu parti mil-lukanda Imperial. Fl-istess jum Salvu Micallef (li kien Għawdxi) ħa dik il-parti ta' art fejn illum naraw in-niċċa ta' Santa Marija u dakinhar ukoll Giovanni Pirotta ħa parti oħra, fuq ix-xaqliba l-oħra. Sa llum familjari ta' Giovanni Pirotta għadhom joqogħdu fuq din l-art.

Fi ftit taż-żmien Triq Santa Marija nbniet kollha u għalhekk fiha naraw għadd ta' djar kbar u żgħar u ta' gosti differenti. Fil-parti t'isfel (qrib Triq Manwel Dimech) wieħed jista' jara għadd ta' saljaturi mill-isbaħ kollha skulturati fil-ġebla Maltija. F'dawn jispikkaw iljuni, ajkli u kif ukoll maskeruni b'simboli kontra l-għajn ħażina.

Fi żminijiet differenti f'din it-triq kellhom ir-residenza tagħhom għadd ta' persuni li kellhom rabta ma' Tas-Sliema bħal mhi d-dar 45/46 li fiha kien joqgħod Dun Pawl Vella, qassis mill-Belt li bena l-knisja tas-Sacro Cuor.

Għal xi żmien fid-dar numru 40 kien joqgħod il-magħruf pittur Malti Ġużeppi Calì u żgur li hawnhekk ħadem xi xogħlijiet waqt li fid-dar numru 99 kien joqgħod Dun Karm Micallef, qassis tal-Parroċċa ta' Stella Maris u li tant ħadem f'dik il-Parroċċa. Tmiss mad-dar ta' Dun Karm, jiġifieri fin-numru 98, twieled u kien joqgħod Patri Marjanu Vella, il-poeta magħruf tal-lingwa Maltija, u Franġiskan mija fil-mija.



*Tlett idjar b'rabta mal-istorja. Fl-ewwel waħda b'gallerija ħadra kien joqgħod is-Sur Anton Grech li kien wieħed mill-Fundaturi tal-Banda Sliema. F'dik ta' ħdejha kien joqgħod in-Nutar Giovanni Gabaretta li kien għen ħafna lill-poplu malti wara l-irvellijiet tas-7 Ġunju. Fit-tielet dar li tmiss mal-oħra kien joqgħod il-fotografu Gustinu Vella li kien fundatur ieħor tas-Soċjetà.*

Ħabib ieħor tal-lingwa Maltija li kien joqgħod f'din it-triq kien Dun Pietru Pawl Grima. Dan kien joqgħod u miet fid-dar numru 103. Dan il-qassis kien kiteb ukoll versi sbieħ f'ġieħ Tas-Sliema. Fid-dar numru 22 kien joqgħod in-Nutar Giovanni Gabaretta li għen ħafna lill-poplu tagħna wara l-irvellijiet tas-Sette Giugno. B'rabta ma' dawn l-irvellijiet insemmu wkoll lil Manwel Attard, wieħed mill-vittmi tas-Sette Giugno. Manwel kien joqgħod fid-dar numru 37 Triq Santa Marija. Bejn wieħed u ieħor, fl-1919, dan in-numru kien jinsab fil-parti ta' fuq ta' din it-triq qrib ħafna l-kantuniera ma' Triq il-Karmnu.

F'din it-triq wkoll twieldet is-Soċjetà Mużikali Sliema fid-dar numru 121. Dan il-każin kien jismu *Circolo Nostra Signora*. B'rabta ma' din is-Soċjetà nsibu li tlieta mill-erba' fundaturi ta' din il-banda kienu joqogħdu f'din it-triq. Dawn kienu Anton Grech, li kien joqgħod fid-dar numru 19, Ġustinu Vella, li kien joqgħod fid-dar numru 24, u Ġorġ Gauci

li kien joqgħod fid-dar numru 41.

B'rabta wkoll mal-mużika xieraq li nsemmu wkoll lill-magħruf kantant professjonali Malti Enzo Guzman li twieled u trabba f'din it-triq numru 123. Illum din spiċċat u flokha naraw dar oħra.

Fil-post fejn illum insibu ċ-Ċentru tal-Anzjani tal-Kunsill Lokali kien hemm forn qadim ħafna. Kien wieħed mill-ifran tal-inħawi u kien popolari ħafna. Għamel żmien f'idejn Salvu Monsigneur u meta dan siefer spiċċa f'idejn Fonzu Pisani. Imbagħad għadda f'idejn oħra.

Fid-dar kbira numru 26 Triq Santa Marija konna nsibu wkoll il-qasam tas-Soċjetà tal-Mużew imwaqqfa minn Dun Ġorġ Preca. Kien dan il-Beatu Malti li fl-1915 (90 sena ilu) fetaħ l-ewwel mużew f'Tas-Sliema. Dan kien fi Triq Camenzuli. Wara xi żmien ġarrew għal Triq Santa Marija. Oriġinali kienu fid-dar fejn illum hemm il-garage. Maż-żmien irnexxielhom jieħdu d-dar fejn jinsabu llum u għaqdu d-dar l-antika ma' din il-ġdida biex hekk illum għandhom dar kbira u sabiħa kompluta b'kappella.

Meta wieħed ikun għaddej Triq Santa Marija jista' josserva għadd ta' ħwejjeġ sbieħ. Diġà semmejna s-saljaturi tal-galleriji. Ma' dawn inżidu l-iskultura li jdawwar għadd ta' twieqi, pilastri Joniċi, vilistruni sbieħ tal-ħadid u għadd ta' galleriji. Fost dawn tispikka waħda li ma tantx hawn bħalha għaliex quddiem fil-purtelli hemm ukoll il-persjani.

Kif rajna Triq Santa Marija hi triq oħra Slimiża li qiegħda toffrilna storja, arti u kapaċità tal-ħaddiema Maltin.

Xieraq għalhekk li napprezzaw dak li ħallewlna s-Slimiżi ta' qabilna.

**Oratorju Marjan**

**'Lis-Sinjura tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù'**

**mill-Banda Cittadina 'Sliema'**

**Fil-Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor**

**Il-Ġimgħa 28 ta' Settembru 2018** ***(Leljet l-Inkurunazzjoni)***

**ĊENSU GRECH**

**Ironmongery & Hardware Store**

**Prop: David Grech**




**130-131, Manwel Dimech Street Sliema**

**Tel: 21330705**

**Mob: 99450224**